# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 32/2024/1 GMG**

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru esekuttiv numru 266/2023

**Florian Kainz**

***v.***

***BP Group Limited* (C-52434)**
**ġjà *Betpoint Group Limited***

1. Dan huwa appell ta' Florian Kainz ["is-sekwestrant"] minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Frar 2024 li laqgħet talba ta' *BP Group Limited* ["is-sekwestrata"] taħt l-art. 281(1) tal-Kodiċi ta' Organ-izzazzjoni u Proċedura Ċivili biex tħassar mandat ta' sekwestru esekuttiv maħruġ fuq talba tas-sekwestrant kontra s-sekwestrata. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Is-sekwestrant talab lill-qorti tal-kummerċ għad-distrett ta’ Vjenna, l-Awstrja, (*Bezirksgericht für Handelssachen Wien*) toħroġ ordni ta’ ħlas ewropea [“l-ordni ta’ ħlas”] taħt ir-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta’ ħlas Ewropea [“ir-Regolament 1896/2006”] kontra s-sekwestrata għal tmienja u għoxrin elf, seba’ mija u tnejn u sebgħin euro (€28,772) *sorte*, elfejn, erba’ mija u euro u tmien ċenteżmi (€2,401.08) spejjeż, u mgħax bl-erbgħa fil-mija fis-sena (4% *p.a.*) mis-6 ta’ Awwissu 2021. Il-kawżali għat-talba kienet “*Nichtigkeit von Glücksspiel-verträgen / invalidity of gambling contracts*”. Fil-21 ta’ Jannar 2022 il-qorti laqgħet it-talba u ħarġet l-ordni ta’ ħlas wara li ma saritx oppożizzjoni mis-sekwestrata għat-talba tas-sekwestrant għall-ħruġ tal-ordni.

3. Fl-20 ta’ Frar 2023 il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili bis-saħħa tal-ordni ta’ ħlas ħarġet kontra s-sekwestrata l-mandat ta’ sekwestru esekuttiv numru 266/2023 [“il-mandat”].

4. B’rikors tal-15 ta’ Jannar 2024 taħt l-art. 281(1) Kod. Proċ. Ċiv. is-sekwestrata talbet illi l-qorti tħassar il-mandat. Is-sekwestrant wieġeb fil-5 ta’ Frar 2024.

5. Bil-provvediment tal-15 ta’ Frar 2024 li minnu sar dan l-appell l-ewwel qorti laqgħet it-talba tas-sekwestrata u ħassret il-mandat għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »… … …
>
> » 2. Is-soċjetà sekwestrata, *ossia* l-esekutata, issa qed titlob lil din il-qorti tirrevoka dak il-mandat ta’ sekwestru maħruġ fuq talba tal-esekutant li kien ottjena sentenza minn qorti estera kontra s-soċjetà rikorrenti sabiex din troddlu lura l-flus li hu nefaq sabiex jipparteċipa

f'logħob li l-istess soċjetà pprovdietlu minn Malta bħala soċjetà debitament liċenzjata għal dan il-ghan. … … …

»3. L-esekutata qed issejjes it-talba tagħha fuq dak li jipprovdi l-artikolu 56A tal-Kapitolu 583 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> »"**56A**. Minkejja kwalunkwe disposizzjoni tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u ta' kull liġi oħra, bħala prinċipju ta' ordni pubblika:
>
> »"(*a*) l-ebda azzjoni ma tista' tinġieb fil-konfront ta' detentur ta' liċenzja u, jew uffiċjali u, jew persuni rilevanti, preżenti jew passati, ta' detentur ta' liċenzja fir-rigward ta' materji relatati mal-provvista ta' servizz tal-logħob, jew fil-konfront ta' ġugatur għax irċieva tali servizz tal-logħob, jekk dik l-azzjoni:
>
> > »"(i) tikkonfliġġi ma', jew timmina, il-legalità tal-provvista ta' servizzi tal-logħob ġewwa jew minn Malta permezz ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorità, jew il-legalità ta' kwalunkwe obbligu legali jew naturali li jirriżulta mill-provvista ta' tali servizzi tal-logħob; u
> >
> > »"(ii) tirrigwarda attività awtorizzata li hija leġittima fit-termini tal-Att u strumenti regolatorji ohra; u
>
> »"(*b*) il-Qorti għandha tirrifjuta r-rikonoxximent u, jew l-infurzar ġewwa Malta ta' kwalunkwe sentenza u, jew deċiżjoni barranija mogħtija firrigward ta' azzjoni tat-tip imsemmi fis-subartikolu (*a*)."

»4. Il-partijiet jaqblu li l-esekutata hija soċjetà reġistrata f'Malta u liċenzjata sabiex tipprovdi logħob skond il-liġi. Minn din l-ottika allura ma hemmx x'wisq li jista' jingħad kontra li tkun milqugħa t- talba tal-esekutata. Madankollu, l-esekutant iqajjem il-kwistjoni tar-retroattività tal-liġi *stante* li l-artikolu 56A ddaħħal fil-liġi wara l-otteniment tal-mandat ta' sekwstru.

»5. L-artikolu 56A ddaħħal fil-Kapitolu 583 bħala żieda permezz tal-Att XXI tal-2023 promulgat fis-16 ta' Ġunju 2023 mingħajr provvediment dwar id-data li fih kellu jidhol fis-seħħ u allura meqjus li daħal fis-seħħ mal-publikazzjoni tiegħu filwaqt illi l-mandat ta' sekwestru nħareg fi Frar tas-sena 2023. Issa, il-liġi proċedurali hija meqjusa li għandha effett retroattiv fis-sistema ġuridka tagħna u dan kif konfermat f'diversi sentenzi f'dan ir-rigward. … … …

»6. Tajjeb ukoll li jkun riprodott l-artikolu 281(1) tal-Kapitolu 12 li jipprovdi hekk:

> »"**281.** (1) Mingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra, persuna kontra min jinħareġ att esekuttiv jew xi persuna oħra interessata, tista' tagħmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att esekuttiv jitħassar, sew għal kollox jew f'parti minnu biss, għal raġuni valida skont il-liġi."

»7. Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-proċedura deċiża fil-5 ta' Mejju 2003 fl-ismijiet Edward Pace *v.* Michael Sultana *et* (rik. 287/05) ċitata b'approvazzjoni minn skorta ta' sentenzi u digrieti oħra kien ritenut hekk:

> »"Il-qorti hija tal-fehma li l-għan li għalih iddaħħlet din id-disposizzjoni fil-Kodici ta' Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-

att esekuttiv innifsu, li bis-saħħa tiegħu l-parti esekutata tbati preġudizzju. Minn dak li jirriżulta minn eżami tad-dibattiti parlamentari li wasslu għad-dħul tal-imsemmi artikolu fil-Kodici, ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att esekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontest-azzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att esekuttiv ikun inħareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi ohra.

»"Il-liġi ma tgħidx x'tista' tkun 'raġuni valida skond il-liġi', li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareg minn qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma. Meta l-ligi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar mandati kawtelatorji. Il-mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex mandat kawtelatorju."

»8. Din il-qorti tqis illi la darba l-kwistjoni tirrientra fil-projbizzjoni ravviżata fl-artikolu 56A tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta li allura tagħmilha ċara illi ma tista' tinħareġ ebda azzjoni bħal din odjerna, allura din hija raġuni valida li trid il-liġi.

»9. Għal dawn ir-raġunijiet, tilqa' t-talba u konsegwentement tir-revoka l-mandat ta' sekwestru numru 266/2023 fl-ismijet premessi maħruġ fil-21 ta' Frar 2023.«

6. Is-sekwestrant ressaq appell b'rikors tal-21 ta' Frar 2024 li s-sekwestrata wieġbet għalih fid-29 ta' Frar 2024.

7. Is-sekwestrant fisser l-aggravji hekk:

»A. Fl-ewwel lok id-digriet huwa bi ksur tar-Regolament (KE) Nru 1896/2006 tat-12 ta' Diċimbru 2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea (ir-"Regolament").

»B. Fit-tieni lok id-digriet huwa bi ksur tal-ordinament ġuridiku Malti u bi ksur tal-jeddijiet fondamentali ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

»Ċ. Fit-tielet lok id-digriet ikkonsidra skorrettement in-natura u l-effetti tal-art 56A tal-Kap. 583 introdott bl-Att XXI tal-2023 promulgat fis-16 ta' Gunju 2023 [*sc.* illi] ma setax jaffettwa l-validità ta' mandat ta' sekwestru esekuttiv maħruġ fi Frar 2023.

»D. Fir-raba' lok ma jistax jiġi invokat *public policy* sabiex twaqqaf it-tħaddim ta' Regolament maħruġ mill-Unjoni Ewropea mingħajr ma ssir riferenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE).

»E. *In vista* tan-natura ta' dina l-kawża l-esponenti jitlob ukoll li ssir riferenza lill-QĠUE.

»… … … il-każ odjern huwa kemmxejn differenti mill-ħafna proċeduri li qegħdin isiru fil-preżent u partikolarment billi r-Regolament abbażi ta'

liema sar infurzar f'Malta huwa r-Regolament 1896/2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea, u mhux l-esekuzzjoni ta' sentenzi barranin.

»… … …

»A. Id-digriet huwa bi ksur tar-Regolament 1896/2006 li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea

»… … …

»Ir-Regolament …huwa direttament applikabbli f'Malta … … …

»L-istitut li nħoloq mir-Regolament huwa xi ftit jew wisq analogu għat-titolu esekuttiv derivanti mill-art. 166A tal-Kap. 12, fis-sens li filwaqt li huwa faċli, anzi faċilissimu li tikkontesta l-ħruġ tal-istess, fin-nuqqas ta' oppożizzjoni jitqies li l-pretensjoni hemm dedotta hija fondata u siewja fil-liġi u għalhekk jinħareġ titolu esekuttiv li ma jistax jiġi oppost.

»F'dan ir-rigward isir riferenza għas-segwenti brani tar-Regolament:

»"(27) Ordni ta' ħlas Ewropea maħruġa fi Stat Membru wieħed li tkun saret esegwibbli għandha titqies għall-iskopijiet ta' infurzar bħallikieku nħarġet fl-Istat Membru fejn qed jiġi mfittex l-infurzar. Fiduċja reċiproka fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri tiġġustifika l-valutazzjoni mill-qorti ta' Stat Membru wieħed li l-kondizzjonijiet kollha għall-ħruġ ta' ordni ta' ħlas Ewropea ġew sodisfatti sabiex l-ordni tiġi infurzata fl-Istati Membri l-oħra kollha mingħajr reviżjoni ġudizzjarja tal-applikazzjoni proprja tal-i*standards* proċedurali minimi fl-Istat Membru fejn l-ordni għandha tiġi infurzata. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari għall-i*standards* minimi stabbiliti fl-Artikoli 22(1) u (2) u 23, il-proċeduri għall-infurzar tal-ordni ta' ħlas Ewropea għandhom jibqgħu jiġu regolati mil-liġi nazzjonali.

»"… … …

»"*Artikolu 20*

»"**Reviżjoni f'każijiet eċċezzjonali**

»1. Wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 16 (2), il-konvenut għandu jkun intitolat biex japplika għal reviżjoni tal-ordni ta' ħlas Ewropea quddiem il-qorti kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġini fejn:

»"(a) (i) l-ordni ta' ħlas ġiet notifikata b'wieħed mill-metodi previsti fl-Artikolu 14;

»" u

»" (ii) in-notifika ma ġietx effettwata fi żmien suffiċjenti li jippermettilu jipprepara għad-difiża tiegħu, mingħajr l-ebda nuqqas mill-parti tiegħu,

»" jew

»"(b) il-konvenut ma tħalliex joġġezzjona għat-talba għal raġuni ta' *force majeure*, jew minħabba ċirkostanzi straordinarji mingħajr l-ebda nuqqas min-naħa tiegħu,

»"sakemm fi kwalunkwe każ hu jaġixxi fil-pront.

»“… … …

»“*Artikolu 21*

»“**Infurzar**

»“1. Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament, proċeduri ta’ infurzar għandhom jiġu regolati mil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar.

»“… … …

»“*Artikolu 22*

»“**Rifjut ta’ Infurzar**

»“1. L-infurzar għandu, wara l-applikazzjoni mill-konvenut, jiġi rifjutat mill-qorti kompetenti fl-Istat Membru ta’ infurzar jekk l-ordni ta’ ħlas Ewropea hi irrikonċiljabbli ma’ deċiżjoni aktar bikrija jew ordni mogħtija qabel fi kwalunkwe Stat Membru jew f’pajjiż terz, sakemm:

»“(a) id-deċiżjoni jew ordni aktar bikrija involviet l-istess kawża ta’ azzjoni bejn l-istess partijiet;

»“ u

»(b) id-deċiżjoni jew ordni aktar bikrija twettaq il-kondizzjonijiet neċessarji għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru ta’ infurzar;

»“ u

“(ċ) l-irrikonċiljabbiltà ma setgħetx titqajjem bħala oġġezzjoni fil-proċedimenti tal-qorti fl-Istat Membru ta’ oriġini.

»“2. L-infurzar għandu, wara l-applikazzjoni, jiġi rrifjutat ukoll jekk u sal-punt li l-konvenut ikun ħallas lill-pretendent l-ammont mogħti fl-ordni ta’ ħlas Ewropea.

»“3. L-ordni ta’ ħlas Ewropea ma tista’ tiġi riveduta taħt l-ebda ċirkostanza għal dak li jirrigwarda s-sustanza tagħha fl-Istat Membru ta’ infurzar.

»Huwa evidenti minn dawn is-siltiet li ġjaladarba nħareg ordni l-esekuzzjoni ma tistax tkun opposta ħlief għal dawk ir-raġunijiet mogħtija fir-Regolament, liema opposizzjoni għandha ssir fi stadju bikri u mhux snin u xhur wara.

»Il-leġislatur Ewropew espressament ried jirristrinġi l-bazi b’liema tali ordni seta’ jigi oppost[1]. Il-QĠUE kellha okkazzjoni sabiex tikkunsidra jekk kienx ammissibbli li wara l-ħruġ ta’ *EPO*[2] dak l-ordni jiġi kontestat abbażi ta’ kwistjoni ta’ ġurisdizzjoni (tal-qorti li ħarġet l-ordni), u fil-kawza *Thomas Cook Belgium NV v Thurner Hotel GmbH* (C-245/14) deċiża fit-22 t’Ottubru 2015, sabet li:

---

[1] »*Thomas Cook Belgium NV v Thurner Hotel GmbH* (C-245/14) deċiża fit-22 t’Ottubru 2015, para 31:

»“Since the EU legislature intended to limit the review procedure to exceptional circumstances, the provision must necessarily be interpreted strictly (see, by analogy, judgment in Commission *v* Council, C-111-10, EU:C:2013:785, paragraph 39 and the case-law cited).”«

[2] *European Payment Order*

»“Article 20(2) of Regulation (EC) No 1896/2006 of the European Parliament and of the Council of 12 December 2006 creating a European order for payment procedure, as amended by Commission Regulation (EU) No 936/2012 of 4 October 2012, must be interpreted as precluding, in circumstances such as those at issue in the main proceedings, a defendant on whom a European order for payment has been served in accordance with that regulation from being entitled to apply for a review of that order by claiming that the court of origin incorrectly held that it had jurisdiction on the basis of allegedly false information provided by the claimant in the application form.”

»L-esekuzzjoni tal-istess ordni ma tistax tiġi opposta anke minħabba pretensjoni li l-istess tmur kontra l-*public policy* ta’ stat membru u wisq anqas għaliex il-leġislatur għoġbu jdaħħal liġi li allegatament ma tippermettix l-enfurzar ta’ tali ordni, għaliex dan ikun bi ksur tal-istess Regolament u l-art. 4 tal-Kap. 460[3] b’liema r-Regolament ingħata effett dirett u immedjat “mingħajr ebda ħtiega oħra ta’ għemil ta’ liġi.

»B. Fit-tieni lok id-digriet huwa bi ksur tal-ordinament ġuridiku Malti u bi ksur tal-jeddijiet fondamentali ta’ ċittadini tal-Unjoni Ewropea

»Jiġi rilevat ukoll li filfatt is-soċjetà *BP Group Limited* lanqas biss ma qed tattakka t-titolu esekuttiv iżda biss l-enfurzar tal-istess. Dan ifisser li l-ammont dovut minn *BP Group Limited* lill-appellanti Florian Kainz huwa ammess bħala dovut, u huwa dovut f’kull pajjiż tal-Unjoni Ewropea, inkluż Malta, biss ma tistax issir eżkuzzjoni ta’ dan it-titolu bis-saħħa tal-art. 56A tal-Kap 583.

»Dan huwa bi ksur tal-obbligi ta’ Malta bħala Stat Membru tal-Unjoni u tal-prinċipju tal-*freedom of movement* imħaddan mill-istess Unjoni.

»Iktar minn hekk huwa wkoll bi ksur ta’ diversi prinċipji bażilari tad-dritt tagħna, partikolarment (a) li kull titolu esekuttiv huwa eżegwibbli; (b) u taċ-ċertezza tad-dritt – li liġi introdotta posterjorment għall-akkwiż-izzjoni tad-dritt ma tistax tneżżgħek minn dak id-dritt (ħlief eċċezz-jonalment u fejn huwa espressament dikjarat mil-liġi).

»Effettivament ir-rifjut t’enfurzar ta’ titolu esekuttiv li nkiseb regolar-ment għal raġunijiet li ma humiex msejsa fir-Regolament stess jekw-ivali għal lezjoni tad-drittijiet taċ-ċittadin li qed jiġi prekluż milli jużu-fruwixxi minn dritt li għandu u li huwa wara kollox garantit fl-art. 3 u l-art. 4 tal-Kap 460.

»Ċ. Fit-tielet lok … l-art. 56A tal-Kap. 583 introdott bl-Att XXI tal-2023 promulgat fis-16 ta’ Ġunju 2023 ma setax jaffettwa l-validità ta’ mandat tas sekwestru esekuttiv maħruġ fi Frar 2023

»Jirriżulta li l-mandat ta’ sekwestru mertu ta’ dan l-appell kien inħareġ regolarment fi Frar 2023, ma kien hemm xejn x’josta jew li jwaqqaf lil dak il-mandat jinħareg u fil-fatt it-talba għall-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru kien[et] ġie[t] milqugħ[a].

»Il-Prim’ Istanza ma sabitx li l-mandat ta’ sekwestru kien jilledi l-ordinament ġuridiku tagħna (għaliex fl-aħħar mill-aħħar kien ġie akkordat u approvat regolarment minn dawn il-qrati) iżda minflok sabet

3 L-Att dwar l-Unjoni Ewropea

li "l-kwistjoni tirrientra fil-projbizzjoni ravviżata fl-artikolu 56A tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta li allura tagħmilha ċara illi ma tista' tinħareġ ebda azzjoni bħal din odjerna".

»Din il-projibizzjoni ma tistax ikollha effett retroattiv għaliex l-Att XXI tal-2023 promulgat fis-16 ta' Ġunju 2023 ma kienx jipprovdi għall-effett retroattiv. Għalhekk meta l-mandat ġie akkordat u nħareg fi Frar 2023 ma setax ikun milqut bil-projbizzjoni introdotta fl-art. 56A tal-Kap. 583, u nħareġ validament.

»*Inoltre* u bla preġudizzju għal premess issir riferenza għall-art. 65 tal-Kostituzzjoni[4] u l-art. 3(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea[5] (Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta), li flimkien għandhom effett li ma jippermettux li jkun hemm xi liġi li tmur direttament kontra dak espress f'Regolament, u għalhekk l-art. 56A tal-Kap. 583 ma jistax japplika f'każ bħal dan fejn qed jiġi enfurzat dritt / proċedura stabbilit espressament minn Regolament Ewropew.

»D. Fir-raba' lok ma jistax jiġi invokat "*public policy*" sabiex iwaqqaf it-tħaddim ta' Regolament maħruġ mill-Unjoni Ewropea

»Għalkemm il-Prim' Istanza ma daħlitx fil-kwistjoni ta' *public policy* u minflok limitat ruħha sabiex tapplika restrizzjoni li hija imposta fl-artiklu 56A tal-Kap. 583, jiġi rilevat li dak l-artiklu huwa msejjes fuq applikazzjoni ta' *public policy*, u ma huwiex permess li tiġi invokata kwistjoni ta' *public policy* fl-esekuzzjoni ta' *EPO*.

»Fi kwalsiasi każ għandu jirriżulta li l-esekuzzjoni tal-mandat *de quo* bl-ebda mod ma kien jivvjola l-*public policy* Malti … … …

»Fi kwalsiasi każ l-applikazzjoni ta' kunċetti ta' *public policy* for-rigward ta' Regolamenti bħal dak odjern li għandhom ikollhom effett uniformi madwar l-Ewropa kollha jfisser li fl-aħħar mill-aħħar hija l-Qorti ta' Pustizzja tal-Unjoni Ewropea li għandha tindika finalment jekk jissusistux il-*public policy* reklamata. Vide *Fly-Lal Lithuania* (C-302/13); *Diageo Brands* (C-681/13); u *Rudolfs Meroni* (C-599/14)

»E. *In vista* tan-natura ta' dina l-kawża l-esponenti jitlob ukoll li ssir riferenza lill-QĠUE

»*In vista* tan-natura partikolari ta' din il-kawża li ddur madwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' drittijiet imfassla mir-Regolament Ewropew l-esponenti jitlob bir-rispett li għandha ssir riferenza lil Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja u fost id-domandi li għandhom jsiru l-esponenti jissugerixxi s-segwenti:

> »"Are articles 20, 21 and 22 of Regulation (EC) No 1896/2006 of the European Parliament and of the Council of 12 December 2006 creating a European order for payment procedure, as subsequently amended to be interpreted as allowing, in circumstances such as

[4] »Il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, ordni u gvernar tajjeb ta' Malta b'mod konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u l-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta partikolarment dawk assunti bit-trattat tal-adeżjoni mal-Unjoni Ewropea iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April, 2003.«

[5] »Kull dispożizzjoni ta' liġi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta' Malta taħt it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt mogħti lil xi persuna bit-Trattat jew taħtu għandha, safejn dik il-liġi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tiġi infurzata.«

> those at issue in the main proceedings, the court of enforcement from rejecting enforcement by applying a national law prohibiting the enforcement of a European order for payment issued in other member states?
>
> »"Does the fact that the national law prohibiting the enforcement of a European order for payment was enacted in that Member State after enforcement procedures had already been commenced in that Member State lead to a different conclusion?
>
> »"Are articles 20, 21 and 22 of Regulation (EC) No 1896/2006 of the European Parliament and of the Council of 12 December 2006 creating a European order for payment procedure, as subsequently amended, to be interpreted as allowing, in circumstances such as those at issue in the main proceedings, the court of enforcement from rejecting enforcement on the basis of a public policy exception?
>
> »"If in the affirmative, who is to establish what comprises the public order exception in such a situation: the Court of Justice of the European Union or the legislator of the Member State?"«

8. Is-sekwestrata wieġbet hekk:

> » 1. L-artikolu 281 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix definizzjoni ta' x'jikkonsisti bħala 'Raġuni valida skont il-liġi' sabiex wieħed jagħmel dan[6]
>
> »*… … …*
>
> »Ir-ragunijiet għalfejn jista' jintalab it-tħassir ta' mandat taħt l-artikolu 281 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta twessgħu permezz ta' sentenzi riċenti. Difatti l-Qorti tal-Appell fid-digriet tagħha bl-ismijiet <u>Vincent Gauci *v.* Dr Albert Fenech</u> mogħti nhar is-27 ta' Marzu tas-sena 2020 għamlitha cara li kienet qiegħda titbiegħed mill-pożizzjoni ristrettiva u magħluqa meħuda mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet fl-ismijiet <u>Edward Pace *et v.* Michael Sultana</u> tal-5 ta' Mejju tas-sena 2005. Il-Qorti tal-Appell saħqet li l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jista' jiġi użat mhux biss fejn l-att esekuttiv ikun inħareg minn qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma tal-mandat. Dan għaliex il-kliem "għal raġuni valida skont il-liġi' huma żgur iktar wesgħin minn dawn iż-żewġ instanzi biss.
>
> »Fil-każ odjern ir-raġuni valida skont il-liġi li jirrikjedi l-artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija l-ordni pubbliku ta' Malta u dan a tenur tal-artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> »Hekk kif ġie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-digriet riċenti fl-ismijiet <u>Avukat Marlon *noe v. BP Group Limited*</u> u <u>Florian Kainz *v. BP Group Limited*</u> nhar il-15 ta' Frar tas-sena 2024:
>
> > »"Din il-qorti tqis illi la darba l-kwistjoni tirrientra fil-projbizzjoni ravviżata fl-artikolu 56A tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta li allura tagħmilha ċara illi ma tista' tinħareġ ebda azzjoni bħal din odjerna, allura din hija raġuni valida li trid il-liġi."
>
> »… … …

[6] *Viz.* sabiex iħassar att esekuttiv

»Is-soċjetà esponenti hija debitament liċenzjata mill-Awtorità tal-Logħob f'Malta sa minn l-1 ta' Awwissu tas-sena 2018 sabiex toffri s-servizzi tagħha kemm lokalment u kif ukoll f'pajjiżi oħra u għaldaqstant bl-ebda mod ma marret kontra l-obbligi legali li hi għandha skont il-Liġijiet ta' Malta

»Ġaladarba l-Awtorità ta' Malta dwar il-logħob ħarġet il-liċenzja lis-soċjetà esponenti sabiex din toffri servizzi għal-logħob barra minn Malta, inkluż lil dawk il-persuni li jinsabu fl-Awstrija, in osservanza tal-artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta u kif ukoll tal-ċrtikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-infurzar tas-sentenza Awstrijaka f'Malta jmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta.

»Għalhekk f'għajnejn l-Istat Malti, l-operat tas-soċjetà esponenti huwa kompletament legali u jsib konfort fil-liġi nostrana, kif *del resto* l-offerta tal-logħob lil persuni mhux biss li jinstabu f'Malta iżda anke persuni li jinstabu ġo pajjiżi terzi jsib konfort fil-qafas legali Malti.

»*Di più* l-operat tas-servizzi offruti f'dan is-settur partikolari jifforma parti integrali mill-ordni pubbliku tal-Istat Malti.

»L-iskop tal-artikolu 56A tal-Kapitlu 583 tal-Liġijiet ta' Malta kien proprju li jikkodifika f'liġi l-ordni pubbliku *ben stabilit* ta' Malta li jin-koraġġixxi operaturi fis-settur tal-logħob sabiex jistabilixxu ruħhom f'Malta u joffru l-provvista tas-servizzi tagħhom kemm lokalment kif ukoll f'pajjiżi ohra, b'mod li jaderixxu mal-obbligi legali tagħhom skont il-liġijiet ta' Malta u fil-kuntest tal-inkoraġġiment tal-intrapriża ekono-mika privata a tenur tal-artikolu 18 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

»Għaldaqstant ir-rikonoxximent tas-sentenza Awstrijaka f'Malta tmur kontra l-ordni pubbliku ta' Malta a tenur ta' artikolu 56A tal-Kapitlu 583 tal-Ligijiet ta' Malta u dan għaliex tmur manifestament kontra l-inkor-aġġiment tal-intrapriża ekonomika privata ta' Malta.

»2. L-effetti tal-mandat in kwistjoni għadhom viġenti sallum il-ġurnata fuq is-soċjetà sekwestrata u għaldaqstant mhiex konsiderazzjoni akkurata illi l-mandat in kwistjoni nħareg diversi xhur qabel l-introduzzjoni tal-artikolu 56A tal-Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta u li għaldaqstant isegwi li l-imsemmi artikolu ma jistax jintuża sabiex l-istess mandat jiġi kkontestat u sussugwentament revokat

»Filwaqt li huwa minnu li l-mandat in kwistjoni nħareġ diversi xhur qabel l-introduzzjoni tal-artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta ma jfissirx illi dan l-istess artikolu ma jistax jiġi invokat għar-revoka ta' l-istess mandat li għadu viġenti sallum il-ġurnata.

»Hekk kif ġie ritenut mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fid-digrieti riċenti fl-ismijiet <u>Avukat Marlon *noe v. BP Group Limited*</u> u <u>Florian Kainz v. *BP Group Limited*</u> nhar il-15 ta' Frar tas-sena 2024:

> »"Fi kwalunkwe każ, il-liġi proċedurali hija meqjusa li għandha effett retroattiv fis-sistema ġuridku tagħna u dan kif konfermat f'diversi sentenzi f'dan ir-rigward. … … …"

»*In ogni caso* għalkemm il-mandat in kwistjoni nħareg diversi xhur qabel l-introduzzjoni tal-artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta l-effetti ta' dan l-istess mandat għadhom jaffettwaw lis-soċjetà esponenti sallum il-ġurnata liema effetti qegħdin jikkawżaw lis-soċjetà esponenti konsegwenzi serji u preġudizzju ta' natura gravi, u qegħdin

jiżdiedu mat-trapass taż-żmien kemm-il darba dan l-istess mandat jibqa' fis-seħħ.

»Isegwi li ġaladarba l-mandat in kwistjoni għadu *in vigore* u susseg-wentement l-effetti tiegħu għandhom viġenti, l-effetti tal-artikolu 56A tal-Kap. 583 tal-Liġijiet ta' Malta huma applikabbli.

»3. It-talba tal-appellanti għall-riferenza għall-QĠUE

»Hija ferm konvenjenti għall-appellanti li ressqu din it-talba għal riferenza lill-QĠUE f'dan l-istadju bikri [*sic*] tal-proċeduri odjerni meta l-appellanti kellhom kull opportunità li jressqu din it-talba quddiem l-ewwel qorti iżda huma għażlu li ma jagħmlux dan.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost huwa prinċipju ben stabbilit li riferenzi lill QĠUE jsiru biss f'istanzi fejn qorti ta' stat membru tqis xi disposizzjoni ta' liġi tal-Unjoni Ewropea bħala ambigwa, ekwivoka jew mhux cara u għaldaqstant jirrikoru għall dan il-mekkaniżmu sabiex jiksbu gwida mill-QĠUE.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost jingħad ulterjorament li wħud mill-mistoqsijiet imressqa mill-appellanti għal riferenza lill-QĠUE huma strettament fl-ambitu tal-ordni pubbliku ta' Malta u għaldaqstant is-soċjetà esponenti ssibha ferm diffiċli sabiex tifhem kif il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tista' tikkontribwixxi fuq din il-materja domestika.

»Difatti l-artiklu 45(1)(a) tar-Regolament numru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jagħmilha ċara illi:

> »"On the application of any interested party, the recognition of a judgement shall be refused … if such recognition is manifestly contrary to public policy (*ordre public*) in the Member State addressed."

»*Di più* l-każ odjern jirrelata fuq interpretazzjoni ta' liġi Maltija u *cioè* tal-artikolu 56A tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux fuq inter-pretazzjoni ta' xi liġi tal-Unjoni Ewropea; għaldaqstant ma jissostwixxi [*sic*] l-ebda element sabiex issir riferenza lill-QĠUE.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost, jekk din il-qorti tilqa' t-talba tal-appellanti għal riferenza lill-QĠUE ser ikun qiegħed jinħoloq pre-ġudizzju fil-konfront tas-soċjetà esponenti *stante* illi l-artikolu 281(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddetta illi din il-qorti għandha tid-deċiedi l-proċeduri odjerni fi żmien tliet xhur mid-data tal-appuntament għas-smigħ.«

9. Ma hemmx dubju illi, kif tgħid is-sekwestrata, disposizzjoni espressa tal-liġi bħal dik tal-art. 56A tal-Att dwar il-Logħob ["Kap. 583"] li tgħid illi ma tippermettix "l-infurzar ġewwa Malta ta' kwalunkwe sentenza" hija "raġuni valida" biex jitħassar att esekuttiv maħruġ bi ksur ta' dik id-disposizzjoni.

Il-kwistjoni iżda hija jekk dik id-disposizzjoni tolqotx il-każ tal-lum u jekk hijiex bi ksur ta' disposizzjoni tal-liġi ġerarkikament ogħla.

10. Il-kwistjonijiet essenzjalment huma dawn:

    i. l-art. 56A tal-Kap. 583 jolqot atti esekuttivi maħruġa qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu?
    ii. jekk iva, ir-Regolament 1896/2006 jippermetti eċċezzjoni ta' ordni pubbliku sabiex ma jingħatax effett lil ordni ta' ħlas ewropea?
    iii. jekk ir-Regolament 1896/2006 jippermetti li titressaq eċċezzjoni bħal dik, x'jolqot ordni pubbliku jista' jiġi determinat *a priori* mil-leġislatur jew irid jiġi determinat fil-każ partikolari mill-qorti?

*Dwar jekk l-art. 56A tal-Kap. 583 għandux effett retroattiv*

11. L-art. 56A kien miżjud bl-Att XXI tal-2023 li daħal fis-seħħ fis-16 ta' Ġunju 2016 u l-mandat inħareġ qabel, fl-20 ta' Frar 2023.

12. Huwa minn illi, fin-nuqqas ta' disposizzjonijiet transitorji, bidliet fil-liġi tal-proċedura għandhom effett retroattiv fis-sens illi jolqtu proċeduri mibdija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk il-proċeduri, iżda mhux ukoll fis-sens illi jagħmlu invalidu dak li ġà sar validament u li jkun validu minnifih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk l-emendi.

13. Fil-każ tal-lum, ladarba l-mandat inħareġ qabel id-dħul fis-ssħħ tal-art. 56A, inħareġ validament u ma sarx invalidu bid-dħul fis-seħħ tal-art. 56A. Għalhekk l-ewwel qorti ma kellhiex "tirrevoka l-mandat".

14. Madankollu l-art. 56A jolqot ukoll "l-infurzar" ta' deċiżjoni li bis-saħħa tagħha nħareġ il-mandat u għalhekk, ukoll jekk il-mandat ma jitħassarx, l-

art. 56A ma jħallix li titkompla l-esekuzzjoni tiegħu. F'dan is-sens għal-hekk il-qorti sejra tifhem it-talba tas-sekwestrata biex il-qorti "tirrevoka u tħassar" il-mandat, u f'dan is-sens ukoll sejra tifhem il-provvediment appellat li laqa' dik it-talba.

*Dwar jekk tistax titressaq eċċezzjoni ta' ordni pubbliku biex twaqqaf l-infurzar ta' ordni ta' ħlas maħruġ taħt ir-Regolament 1896/2006*

15. Imiss issa nqisu jekk ir-Regolament 1896/2006 jippermettix eċċezzjoni ta' ordni pubbliku biex twaqqaf l-infurzar ta' ordni ta' ħlas. Jekk ir-Regolament 1896/2006 ma jippermettix dik l-eċċezzjoni, l-art. 56A, billi jrid iwaqqaf l-infurzar "bħala prinċipju ta' ordni pubbliku", ikun bla effett safejn irid iwaqqaf l-infurzar ta' ordni ta' ħlas maħruġ taħt dak ir-Regolament.

16. Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-esekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ["Regolament *Bruxelles I*"] jaħseb għal eċċezzjoni ta' ordni pubbliku – imsejjaħ "strate-ġija pubblika (*ordre public*) fl-art. 45(1)(a) – iżda ma hemmx disposizzjoni bħal din fir-Regolament 1896/2006.

17. Is-sekwestrant igħid illi dan ifisser illi r-Regolament 1896/2006 ma jippermettix eċċezzjoni bħal dik, u jsaħħaħ l-argument billi jistrieħ fuq sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-22 ta' Ottubru 2015 *in re <u>Thomas Cook Belgium NV v Thurner Hotel GmbH</u>* (C-245/14).

18. Dik is-sentenza iżda hija dwar interpretazzjoni tal-art. 20(2) tar-Regola-ment 1896/2006, dwar meta l-parti li kontriha tkun ħarġet l-ordni ta' ħlas

tkun tista' titlob reviżjoni tal-ordni "quddiem il-qorti kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġini" u mhux, bħal fil-każ tal-lum, "quddiem qorti kompetenti fl-Istat Membru ta' infurzar".

19. "Rifjut ta' infurzar" "quddiem qorti kompetenti fl-Istat Membru ta' infurzar" – bħalma qiegħda titlob is-sekwestrata fil-każ tallum – huwa regolat fl-art. 22 tar-Regolament 1896/2006 li jippermetti rifjut biss (i) fil-każ ta' *res iudicata* li tkun "irrikonċiljabbli" mal-ordni ta' ħlas, u biss fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-para. (a), (b) u (ċ) tal-istess artikolu, u (ii) fil-każ illi d-dejn kanonizzat bl-ordni ta' ħlas ikun ġà mħallas.

20. L-art. 22(3) igħid espressament illi l-ordni ta' ħlas "ma tista' tiġi riveduta taħt l-ebda ċirkostanza għal dak li jirrigwarda s-sustanza tagħha fl-Istat Membru ta' infurzar", u, għalhekk, lanqas għal raġunijiet ta' ordni pubbliku.

21. Dan ifisser illi s-sekwestrata ma tistax tistrieħ fuq l-art. 56A tal-Kap. 583 biex twaqqaf l-infurzar ta' ordni ta' ħlas maħruġ taħt ir-Regolament 1896/2006.

22. Il-qorti għalhekk tilqa' l-appell u tħassar il-provvediment tal-15 ta' Frar 2024. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom is-sekwestrata.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Mark Simiana<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da